16/02/2023, 11:49 Il-Karmelu



# Il-V.M.Marija ġewwa Fatima

## *Messaġġ u tqarrib Karmelitan*

**minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.**

Immorru lura għat-13 ta' Ottubru 1917, jum ta' xita qliel fil-Cova da Iria, xita li kienet ilha nieżla bla heda lejl sħiħ. Folol ta' nies minn kull rokna tal-Portugall sfidaw il-maltemp u nġabru bi ħġarhom, għall-appuntament tal-aħħar mas-Sinjura liebsa x-xemx, li skont it-tfal veġġenti, Lucija, Franġisku u Ġjaċinta, din is-Sinjura kellha tagħti sinjal li jneħħi kull dubju dwar l-awtentiċità tal-fenomenu li kien ilu għaddej minn Mejju ta' dik is-sena kull 13 tax-xahar. F'Awwissu, minkejja li t-tfal kienu miżmuma b'arrest, is-Sinjura, skont ma qalu dawk li kienu jitolbu fil-Cova jistennew lilha u lit-tfal, xorta żammet l-appuntament tagħha u niżlet fuq il-balluta fi globu ta' dawl imma minnufih għebet għax il-veġġenti ma kinux hemm. Dak ix-xahar iżda, reġgħet niżlet tiltaqa' mat-tfal wara li nħelsu mill-ħabs, nhar it-18 ta' Awwissu.

F'Mejju l-Madonna kienet wissiethom li kellhom iduqu l-imrar minħabba dawn il-fenomeni u l-missjoni li l-Qalb Immakulata tagħha kellha tafdalhom. U hekk kien! Huma kellhom ibatu minħabba l-fidi fi Kristu u l-lealtà tagħhom lejh, fuq kollox bħalma kienet qegħda tbati l-Knisja fil-Portugall. Kien żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija, u l-fidi fil-Portugall kienet ukoll imġarrba bir-rivoluzzjoni atea u antiklerikali. Knejjes magħluqa u kleru arrestat, il-poplu kien imċaħħad milli pubblikament jesprimi l-fidi li kienet twieżnu. U issa dawn it-tfal sabu ruħhom bejn is-sema, li nfetaħ b'saħħa u qawwa fuqhom, u d-dinja li kienet għadha fil-bidu ta' żmien ikrah u sewdieni li kellu jtul fl-atroċitajiet tat-Tieni Gwerra, u l-atroċitajiet u l-ġenoċidji li għadna nixhdu għalihom sal-lum. B'dan li ġie fuqhom, id-dinja żgħira "taċ-ċkejkna tliet ragħajja, tfal safja u għaqlija", espandiet biex iġġorr fiha dinja ikbar minnhom. Huma kellhom jitolbu u joffru kollox għall-konverżjoni tal-midinbin u għall-paċi fid-dinja. Qalbhom safja kellha tiġi inkurunata bix-xewk bħall-Qalb tal-Immakulata u l-Qalb ta' Kristu. Qatt daqs it-13 ta' Ottubru ma' ħarġet fid-dieher din is-sospensjoni bejn żewġ dinjiet. Nimmaġinaw it-tliet ragħajja, f'xita qliel, bilwieqfa taħt il-balluta vojta, ħarsithom 'il fuq jistennew bil-ħniena li s-Sinjura żżomm kelmitha… warajhom folla ta' bejn 70,000 u 100,000 ruħ għajjiena mill-vjaġġ, għasra bl-ilma tax-xita, kulħadd jgħaffeġ fit-tajn, jistennew is-sinjal. Ħafna minnhom b'intenzjoni tajba ġew mimlijin tama li s-sema għandu l-aħħar kelma fuq il-persekuzzjoni u l-kultura niħilista li bdiet tixxerred, oħrajn kurjużi, oħrajn lesti jmiddu jdejhom fuq dawn it-tlieta meqjusa minnhom imposturi.

Nofsinhar daqq u s-Sinjura kelmtha ma żammithiex! Bilkemm laħqu għaddew żewġ minuti għax il-folla waqqgħet mill-ewwel fl-għagħa ħiereġ mid-dubju u d-delużjoni, ftit sekondi oħra u l-għagħa beda jissarraf f'aġitament, xi ilħna ta' protesta u tgħajjir bdew jinstemgħu… dak li kien qed iseħħ donnu kien teatru tal-ħajja tal-bniedem li mdawwar bl-iebes tal-ħajja jittama u jaħbat jafda, imma malajr tonqsu l-fidi u dlonk ifawwar mill-magħsar ta' qalbu r-riżentiment u d-delużjoni li hemm tbejjet fiha.

Kif beda jeskala dan l-aġitament, is-sħaba dlonk niżlet mis-sema fi globu ta' dawl, it-tfal waqgħu għarkopptejhom, is-skiet infirex bħal mewġa fuq il-folla enormi u l-leħen ħlejju, iżda miksur bid-diqa ta' din is-Sinjura liebsa x-xemx tkellem liċ-ċkejknin, isejħilhom għall-penitenza, għat-talb bla heda, għall-konverżjoni tal-midinbin biex ifittxu mill-ġdid lil Alla u jersqu lejh kif hu resaq lejna fi Kristu Ġesù Ibnu u l-Qalb Immakulata ta' Marija.

Dlonk is-Sinjura refgħet idejha u bħalha, Luċija, b'subgħajha lejn ix-xemx li dlonk żiedet is-sirġa,



https://fliphtml5.com/bookcase/exfz 1/2

ħarrbet is-sħab u nixxfet l-art li kienet ilha tilqa' xita qliel lejl u jum. Waqt li l-folla rat ix-xemx taqa' fuqha nnifisha u ddur bħal raddiena tal-logħob tan-nar maħruba u miġnuna, quddiem l-għajnejn safja tat-tfal ċkejknin, dehru l-misteri tal-Ħajja Qaddisa ta' Ġesù Sidna, li huma ċ-ċavetta li biha nifthu s-sens tal-misteru tal-bniedem imsejjaħ biex isir jixbah lil Ġesù Kristu: it-Tfulija fix-xena tal-Familja Mqaddsa, il-Passjoni fix-xena tad-Duluri, il-Glorja fis-Sinjura liebsa x-xemx bl-ilbies Karmelitan bl-Iskapular f'idejha! Petali ta' ward niżlu mis-sema bħal grazzji jfewħu, xi wħud għomja u magħtubin fiequ u bosta oħra ssaħħew fil-fidi, ħafna oħrajn sabu l-konverżjoni! Dak hu l-messaġġ ta' Fatima: Talb bla heda u Penitenza mħeġġa li ma hi xejn għajr konverżjoni tal-qalb li ddur lejn Alla kontinwament flimkien mal-offerta tagħna nfusna għall-konverżjoni tal-bnedmin.

Biex ngħidu hekk, il-messaġġ tas-Sinjura liebsa x-xemx ġewwa Fatima huwa sejħa għall-Kontemplazzjoni. Dan jidher l-ewwel nett fil-bidla li saret fit-tfal veġġenti. Franġisku, imqarqaċ imma qalbu tajba, qatta' l-bqija ta' ħajtu fit-talb fi mkejjen imwarrba u quddiem it-tabernaklu joffri lilu nnifsu għall-bnedmin. Ġjaċinta wkoll offriet il-mard tagħha fit-talb u għall-konverżjoni tal-bnedmin, uLuċija wkoll, li kellha ttul fuq dina l-art tixtieq is-sema, inħbiet fis-skiet tal-Karmelu fl-għaqda ma' Alla fit-talb bla heda, fl-offerta tagħha nnifisha għall-konverżjoni tal-bnedmin u għat-tixrid tal-konsagrazzjoni lill-Qalb Immakulata ta' Marija.

Talb bla heda, fehma soda li nikkonvertu, ħeġġa għall-erwieħ u għotja tagħna nfusna lil Alla u lill-Verġni Mbierka Marija huma kolonni sodi fl-ispiritwalità u l-mistika tal-Karmelu. Mhux ta' xejn li fil-fenomenu ta' Fatima, Sidtna Marija dehret liebsa x-xemx u l-Libsa Karmelitana! Mhux ta' xejn il-Qaddejja ta' Alla Luċija dos Santos sabet postha fil-Klawsura Karmelitana. U mhux ta' xejn li fit-12 ta' Ġunju 1950 Swor Luċija ħeġġet lill-Ġeneral tal-Ordni Karmelitan Kilian Lynch biex "ipatti bi mħabba għall-imħabba" li Marija dejjem uriet magħna u jmexxi 'l quddiem "il-konsagrazzjoni lill-Madonna permezz tal-iskapular". Luċija ħeġġet lill-Ordni jagħmel xi ħaġa proprju hemmhekk fil-Cova da Iria. Il-Ġeneral Lynch, fuq din it-talba tagħha, ħaseb li jwaqqaf knisja lill-Madonna tal-Karmnu u dar tal-irtiri sabiex "l-ulied ta' Marija minn kull parti tad-dinja jkunu jistgħu jgħaddu xi żmien ta' talb qrib l-istess post imqaddes mid-dehra tagħha bil-libsa tal-Karmnu". Hekk kiteb il-Ġeneral fl-ittra tiegħu lill-Ordni Karmelitan fl-1956.

Kien proprju ġewwa l-Cova da Iria f'Fatima li l-Imqaddsa Marija għoġobha turi ruħha lit-tfal! Hemmhekk, f'dik l-art li fis-seklu erbatax ġiet ikkonsagrata lilha minn San Nonju Alvarez Pereira, Ġeneral tal-Armata Portugiża, eroj nazzjonali u iktar tard reliġjuż u qaddis Karmelitan. Luċija wkoll trawmet fl-imħabba u r-rabta mal-Madonna tal-Karmnu u l-iktar innu marjan li kellha għal qalbha kien dak li kienu jkantaw fil-parroċċa tagħha lill-Madonna tal-Karmnu fejn għad hemm statwa ċkejkna tal-Madonna taħt it-titlu tal-Karmelu. Ir-rabta tal-mistika Karmelitana mal-messaġġ ta' Fatima tennietu kemm-il darba Luċija u dan ġie magħruf ukoll mill-Knisja dakinhar tat-13 ta' Mejju 1931, quddiem folla ta' 300,000 ruħ miġbura fil-Cova da Iria għall-Konsagrazzjoni lill-Qalb Immakulata. F'dan l-att ta' Konsagrazzjoni, il-Kardinal Cerejeira, flimkien mal-Isqfijiet kollha tal-Portugall, tenna li s-Sinjura ta' Fatima niżlet "fuq l-art bħal kewkba mbierka ta' filgħodu,

*Ikompli f'paġna 5*



*Statwa tal-Madonna tal-Karmelu meqjuma mit-tlitt itfal fil-parroċċa ta' Fatima.*